# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 229/2016/VG**

**Victor VELLA [ID. Nru. 20386G] u Dr. Monica VELLA**

**Vs**

**Torsten Manfred BENDLIN**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fl-20 ta' Gunju, 2016** u li permezz taghha talbu l-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn seba' mija u hamsin euro [€2,750] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas spejjez relatati ma' tragitt, trasport u unloading ta' containers kif ukoll hlas ta' commission fuq kera ta' proprjeta lill-attur Victor Vella fl-ammont ta' elfejn, erba' mija u hamsin euro (€2,450) kif ukoll l-ammont ta' tlett mitt euro (€300) dovuti lill-attrici Magistrat Dr. Monica Vella relattivi ghal hlas ta' servizzi professjonali prestati lill-konvenut fl-ammont ta' €300 u dan

fl-ammont komplessiv ta' elfejn, seba' mija u hamsin euro (€2,750) oltre imghaxijiet legali mid-data tas-servizzi sal-effettiv pagament.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandux ihallas l-ammont ta' €2750 oltre spejjez gudizzjarji u imghaxijiet inkluz spejjes tal-Mandat ta' Qbid Numru 1035/2016"

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-18 ta' Awwissu, 2016 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

"Illi preliminarjament jgi invokat il-privilegium fori stante illi l-konvenut Torsten Mandred Bendlin ma huwiex residenti f'Malta hekk kif jidher mill-avviz ipprezentat mill-atturi stess.

Illi l-avviz huwa redatt bil-lingwa Maltija meta l-atturi jafu li l-konvenut ma jifhimx bil-Malti u allura jehtieg li ssir traduzzjoni ghal lingwa Ingliza.

Illi t-talbiet huma mressqin minn zewg atturi differenti ghal zewg vertenzi differenti.

Illi fir-rigward tal-ammont tal-Magistrat Dr Monica Vella relattivi ghal hlas ta' servizzi professjonali hija llum kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn fit-termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.

Illi fir-rigward it-talba ta' Victor Vella huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

Fl-ewwel lok, kwalsiasi pretensjoni tal-attur rigward spejjes relatati ma' tragitt, trasport u unloading ta' containers li tirrisali

ghas-sena 2012 u qabel hija llum kolpita bil-preskrizzjoni ta' sena fit-termni tal-artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili.

Fit-tieni lok, kwalsiasi pretensjoni tal-attur rigward commission fuq kera ta' proprjeta li tirrisali ghas-sena 2012 u qabel hija llum kolpita bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar fit-termini tal-artikolu 2148(e) tal-Kodici Civili.

Illi ghaldaqstant din il-kawza saret inutilment u frivolozament u l-ispejjez kollha ghandhom jigu akkollati lill-attrici;

Illi fost l-ispejjez gudizzjarji li ghandhom jithallsu mill-atturi hemm l-ispejjez tac-cedola ta' depositu pprezentata mill-konvenut, cedola nru 1100/2016 u kontro-mandat bin-numru 1133/2016 wara l-atti tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju 1035/2016 pprezentat kontra l-esponenti mill-attur Victor Vella.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt".

Ra l-verbal tad-29 ta' Settembru, 2016 fejn l-Avukat Dottor Daniel Calleja talab sabiex il-kaz jinstemgha Ghawdex peress li l-partijiet joqghodu kollha f'dik il-gzira.

Ra illi l-kawza giet differita ghall-provvediment dwar l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat.

Ikkunsidra:-

1. Illi f'dan il-kaz u mill-atti jirrizultaw is-segwenti fatti:

    i. Il-partijiet ilkoll huma ndikati bhala li jirrisjedu gewwa l-gzira ta' Ghawdex;

ii. Jidher ukoll li s-servizzi msemmija fit-Talba kollha inghataw jew gew kkuntrattati gewwa l-Gzira ta' Ghawdex.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. Illi din is-sentenza tirrigwarda biss l-ewwel eccezzjoni tal-intimat li tghid hekk:

   "*Illi preliminarjament jgi invokat il-privilegium fori stante illi l-konvenut Torsten Mandred Bendlin ma huwiex residenti f'Malta hekk kif jidher mill-avvizipprezentat mill-atturi stess*"

3. Is-sub-artikolu (4) ta' l-Artikolu 3 tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar [Kap. 380] jistipula li:

   "*It-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'dak il-post jew f'dawk il-postijiet f'Malta u Ghawdex hekk kif il-Minsitru jista jistabilixxi b'ordni fil-Gazzetta u t-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha*" – sottolinejar tat-Tribunal.

4. Dan ifisser li t-Tribunal ghandu jara li l-laqghat tieghu ghandhom jinzammu, sa fejn ikun prattikabbli, fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha.

5. Issa f'dan il-kaz, u mill-atti processwali jirrizulta li:

   i. l-indirizz tal-intimat huwa indikat fit-Talba promotrici bhala li jinsab f'Ghawdex;

   ii. L-istess haga ghar-rigward tar-rikorrenti u cioe li lindirizz taghhom huwa indikat fit-Talba promotrici bhala li jinsabu f'Ghawdex;

   iii. Jidher li x-xhieda li ser jitresqu jirrisjedu gewwa Ghawdex; u

iv. l-kontestazzjoni tirrigwarda servizzi presumibbilment moghtija gewwa l-gzira ta' Ghawdex.

6. It-Tribunal jibda biex jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **John u Rose konjugi Buhagiar vs Victor u Alfreda konjugi Cachia** (App. Nru. 24/01/NA) deciza fil-11 ta' Lulju, 2002. Minn din is-sentenza johorgu s-segwenti punti:

    i. Kien korrett it-Tribunal meta qal li l-Att numru V ta' l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjment ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri;

    ii. Quddiem il-qrati ordinarji hija l-ligi stess li taghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta' Malta jew Ghawdex. Hekk per ezempju, l-Artikolu 47(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddecidi pretenzjonijet kontra persuni li *"joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta"*.

    iii. Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u *"**sa fejn ikun prattikabbli**, izomm il-laqghat tieghu fil-*

*gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha"* (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995).

iv. Il-kliem *"sa fejn ikun prattikabbli"* (*as far as practicable* fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

7. Aktar lejn zminijietna, wiehed isib sentenza ohra fuq dan il-punt moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Albert Xiberras et vs Mark Sammut** (App. Civ. Nru. 48/10/RCP) deciza fis-17 ta' Novembru, 2011. Minn din is-sentenza johorgu s-segwenti punti:

i. Ghalkemm id-disposizzjonijiet tal-artikolu 741(c), (d), (e) u (f) u l-artikolu 767 tal-Kap. 12 ma japplikawx ghall-kaz de quo fis-sens li ma jezistix dak li jissejjah bhala *privilegium fori* li jista jigi nvokat mill-konvenut, minn naha l-ohra l-artikolu 3(4) tal-Kap. 380 jaghti l-fakolta lill-gudikatur sabiex jiddeciedi fejn jinstema l-kaz jekk hux Malta jew Ghawdex, b'dan li sa fejn ikun prattikabbli t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu fejn il-persuna jkollha r-residenza ordinarja taghha.

ii. Illi dan jaghti certu ammont ta' diskrezzjoni f'tali determinazzjoni f'idejn it-Tribunal, izda tali diskrezzjoni ghandha tiehu in konsiderazzjoni r-residenza tal-konvenut, b'dan li fejn huwa prattikabbli s-smigh tal-kawza ghandu jigi determinat skond l-istess, hlief ghar-ragunijiet li jistghu jimmillitaw ghal dan, li ghandhom ikunu ragunijiet eccezzjonali, bhal meta per ezempju l-provi kollha huma fi gzira ohra, u dan certament jiddependi mill-fattispecie tal-kaz; **izda ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel xelta u preferenza ghandha**

**bhala regola tkun dejjem li s-sede fejn ghandha tinstema' l-kawza hija determinata fejn jirresjedi l-konvenut** (enfazi tat-Tribunal).

iii. Illi dan huwa l-apprezzament li jrid jaghmel l-istess Tribunal, li ghalkemm huwa liberu li jezercita tali diskrezzjoni, dejjem jibqa l-fatt li tali diskrezzjoni trid tigi ezercitata fit-termini tal-ligi, u dan fis-sens li ghandu jinghata fl-ewwel lok aditu ghal dak li tipprovdi l-istess b'mod li d-disposizzjonijiet tal-ligi ghandhom jinghataw sens u jigu applikati, u mhux resi bla ebda effett ta' xejn.

iv. Id-diskrezzjoni tat-Tribunal anke jekk tigi kkunsidrata fit-termini espressi fid-decizjoni **John Portelli et vs Victor Cachia** (AIC (NA) – 11 ta' Lulju, 2002) ma hijiex assoluta u lanqas ghandha tkun arbitrarja b'mod li tmur kontra l-ligi, izda ghandha tigi ezercitata biss u unikament fil-parametri tal-ligi. Altrimenti jkun ifisser, ... li tali disposizzjoni tal-ligi ma tigi tfisser xejn, u certament dan ma jistax isir jew jithalla jsir fl-ordinament guridiku nostrali.

8. Illi ghalhekk, filwaqt li jirrizulta bic-car – anke minn qari taz-zewg sentenzi awtorevoli moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) li l-kuncett ta' *privilegium fori* kif nafuh fil-Kodici ritwali taghna ma jezistiex fil-proceduri quddiem dan it-Tribunal, jidher bic-car li l-legislatur ried li dan it-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha. F'dan il-kaz, ir-residenza ordinarja tas-socjeta konvenuta hija Ghawdex.

9. Illi ghalhekk, it-Tribunal, jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-intimat kif kontenuta fir-risposta tieghu u ghalhekk filwaqt li huwa jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz minhabba r-ragunijiet fuq dedotti,

qieghed jibghat l-atti ta' dan il-kaz lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex a spejjez tar-rikorrenti, din it-Talba tigi assenjata u appuntata ghas-smiegh quddiem dan it-Tribunal diversament ppresedut gewwa l-gzira ta' Ghawdex.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Gudikatur**